DIRETTUR G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1925

## IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI. 1920-25

Għaddew ħames snin. U, bejn ġid magħmul lill-ħutna u għilt imqanqal għalina mill-għira u mill-mibegħda ta' dawk li ma jaħmlux il-Malti u lilna, għaddew bħal berqa. Kien f'settembru ta' l-1920, mita wieħed żagħżugħ ta' fehma tajba (is-Sur Saver Caruana) bida jsus warajja u wara l-Kittieba l-oħra tal-Malti biex nixxierku bejnietna. U, billi l-lħiħ jagħleb 'ix-xħiħ, fl-14 ta' novembru ta' dik is-sena, saret l-ewwel laqgħa, li fiha twaqqfet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Ir-rwiefen qamu malajr għaliha u venvnu bl-aħrax, għax mhux kull-ħadd jaqbillu li l-qari malti jikber u jissaħħaħ: imm'hi għarfet tagħżel ħaddiema tajba—ħaddiema li ma jinbxux lil ħadd-ieħor, għax m'humiex nies ta' dan, iżd'inqas huma nies li jibżgħu mill-babaw ta' l-ismarġassi u mil-lablib tal-baħnani; u hekk il-Għaqda kibret, xterdet, niżżlet fl-art ħamrija ta' Malta għeruq ħoxnin u firxet il-friegħi tagħha sa lill-hinn mill-baħar, fost ħutna tal-Kajr, ta' Lixandra, ta' Tunes, ta' l-Arġiel, ta' l-Amerika, milquma u mfaħħra mill-għorrief ta' l-Italja, tal-Ġermanja, tal-Belġju, ta' Franza u ta' l-Ingilterra.

Alla magħna, għax ħsiebna safi u għamîlna meqjus tajjeb, għax ma nfittxux ħlief il-ġid ta' għajrna. U la hu Alla magħna, il-bnedmin ma jifilħux għalina.